Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SZPUNAR
ippreżentati fit-3 ta' Lulju 2025 [1]

**Kawża C-366/24**

**Amazon EU Sàrl**
**vs**
**Ministre de la Culture,**
**Ministre de l'Économie, des Finances et de la Souveraineté industrielle et numérique**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, Franza))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Suq intern – Libertà li jiġu pprovduti servizzi – Moviment liberu tal-merkanzija – Preservazzjoni jew promozzjoni tad-diversità kulturali – Servizz ta' kunsinna d-dar ta' kotba – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi tarifikazzjoni minima għal tali kunsinna – Direttiva 2006/123/KE"

## I. Introduzzjoni

1. Il-pajsaġġ letterarju Franċiż ilu żmien twil ikkaratterizzat minn miżuri ta' protezzjoni intiżi għas-salvagwardja tal-patrimonju kulturali u r-regolamentazzjoni tal-prezzijiet tikkostitwixxi għal dan il-għan pedament fundamentali sa mil-liġi msejħa "Lang" [2], adottata fl-1981. Din il-liġi stabbilixxiet il-prezz uniku tal-ktieb sabiex tiggarantixxi aċċess ġust għal-letteratura fit-territorju kollu, u tiffavorixxi għalhekk network deċentralizzat ta' ħwienet tal-kotba u d-diversità editorjali quddiem l-uniformizzazzjoni tas-suq. Madwar erbgħin sena wara, il-liġi msejħa "Darcos" tal-2021 testendi din l-għodda protettriċi għall-era diġitali billi timponi tariffa minima ta' EUR 3 għall-kunsinna ta' ordnijiet ta' kotba online ta' inqas minn EUR 35, u tindirizza direttament l-istrateġiji ta' ġganti tal-kummerċ elettroniku li jassorbu l-ispejjeż postali.

2. Il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, Franza) ifittex li jiddetermina jekk huwiex possibbli li jirrikonċilja, minn naħa, id-dritt tal-Unjoni Ewropea bbażat fuq il-prinċipju ta' suq intern b'moviment liberu tal-prodotti u tal-fatturi ta' produzzjoni, u min-naħa l-oħra, politika kulturali nazzjonali li, permezz ta' ffissar tal-prezzijiet, tfittex li tipproteġi l-ħwienet tal-kotba indipendenti, li żżomm il-pluraliżmu editorjali u li tikkonferma l-istatus tal-ktieb bħala "prodott mhux kummerċjali" li jappartjeni lill-patrimonju nazzjonali.

[1] Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

[2] Loi nº 81-766, du 10 août 1981, relative au prix du livre (il-Liġi Nru 81-766, tal-10 ta' Awwissu 1981, dwar il-Prezz tal-Ktieb) (JORF tal-11 ta' Awwissu 1981, p. 2198), fil-formulazzjoni tiegħu li tirriżulta mill-ewwel u r-raba' paragrafu tal-Artikolu 1 tal-loi nº 2021-1901, du 30 décembre 2021, visant à conforter l'économie du livre et à renforcer l'équité et la confiance entre ses acteurs (il-Liġi Nru 2021-1901, tat-30 ta' Diċembru 2021, għat-Tisħiħ tal-Ekonomija tal-Ktieb u għat-Tisħiħ tal-Ekwità u tal-Fiduċja bejn l-Atturi Tagħha) (JORF Nru 304, tal-31 ta' Diċembru 2021, Test Nru 2) (iktar 'il quddiem il-"Liġi tal-1981").

3. Il-partikolarità ta' din il-kawża tinsab fil-fatt li l-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja biss fuq id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li fir-rigward tagħhom hija għandha teżamina l-leġiżlazzjoni inkwistjoni, mingħajr ma tistaqsi, fil-mertu, jekk il-leġiżlazzjoni inkwistjoni hijiex kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni.

4. F'dan il-każ, huma potenzjalment inkwistjoni, id-Direttivi 2000/31/KE[3] u 2006/123/KE[4] kif ukoll il-libertajiet fundamentali tat-Trattat FUE, b'mod iktar preċiż il-moviment liberu tal-merkanzija skont l-Artikolu 34 TFUE u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi skont l-Artikolu 56 TFUE.

## II. Il-kuntest ġuridiku

### *A. Id-dritt tal-Unjoni*

#### *1. Id-Direttiva 2000/31*

5. Il-premessi 18 u 21 tad-Direttiva 2000/31 jistabbilixxu:

"(18) Servizzi minn soċjetà ta' l-informazzjoni jifirxu fuq medda aktar kbira ta' attivitajiet ekonomiċi li jseħħu on-line; dawn l-attivitajiet jistgħu, partikolarment, jikkonsistu fil-bejgħ ta' oġġetti online; attivitajiet bħal ma huma il-kunsinna ta' merkanzija jew il-provvediment ta' servizzi offline ma humiex koperti; […]

[…]

(21) L-iskop ta' qasam ikkordinat huwa mingħajr preġudizzju għal armonizzazzjoni futura [fil-livell tal-Unjoni] li tirrigwarda servizz minn soċjetà ta' l-informazzjoni u għal leġislazzjoni futura adottata f'livell nazzjonali bi qbil mal-liġi tal-[Unjoni]; il-qasam kordinat ikopri biss ħtiġijiet li jirrigwardjaw attivitajiet online bħal ma hija informazzjoni minn, reklamar online, xiri online, kuntratti online u ma tikkonċernax il-ħtiġijiet legali ta' Stati Membri li jirrigwardaw oġġetti bħal ma huma normi ta' sigurtà, obbligu ta' tikkettjar, jew responsabbilità għal oġġetti, jew il-ħtiġijiet ta' Stati Membri li jirrigwardaw il-kunsinna jew it-trasport ta' oġġetti, inkluża d-distribuzzjoni ta' prodotti mediċi […]."

6. L-Artikolu 1 ta' din id-direttiva, intitolat "Għan u qasam ta' applikazzjoni", jipprovdi, fil-paragrafu 6 tiegħu li "[d]in id-Direttiva ma taffetwax miżuri meħuda fil-livell tal-[Unjoni] jew nazzjonali, fir-rigward ta' liġi tal-[Unjoni], sabiex jinkoraġġixxu diversità kulturali u lingwistika u biex jassiguraw id-difiża tal-pluraliżmu."

[3] Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà ta' l-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 25, p. 399), kif emendata bir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 (ĠU 2022, L 277, p. 1) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva 2000/31").

[4] Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern (ĠU 2006, L 376, p. 36).

7. L-Artikolu 2(h) tal-imsemmija direttiva jipprevedi:

"Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva, dawn it-termini li ġejjin għandu jkollhom dawn it-tifsiriet:

[...]

(h) 'qasam ikkordinat': ħtiġijiet stipulati fis-sistemi legali ta' Stati Membri applikabbli għal min jipprovdi servizz minn soċjetà ta' l-informazzjoni jew għas-servizzi minn soċjetà ta' l-informazzjoni, independentement minn jekk dawn ikunux ta' natura ġenerali jew iddisinjati speċifikament għalihom.

[...]

(ii) Il-qasam ikkordinat ma jkoprix ħtiġijiet bħal ma huma:

– ħtiġijiet applikabbli għal merkanzija bħala tali,

– ħtiġijiet applikabbli għal kunsinna ta' merkanzija,

– ħtiġijiet applikabbli għal servizzi li ma humiex ipprovduti b'mezzi elettroniċi."

8. Skont l-Artikolu 3 tal-istess direttiva, intitolat "Suq intern":

"1. Kull Stat Membru għandu jassigura li s-servizzi minn soċjetà ta' l-informazzjoni provduti minn dak li jipprovdi servizz li jkun stabbilit fit-territorju tiegħu ikun konformi mad-disposizzjonijiet nazzjonali applikabbli fl-Istat Membru f'dak il-każ li huwa fil-qasam ikkordinat.

2. L-Istati Membri ma jistgħux, għal raġunijiet li jidħlu fil-qasam ikkordinat, jillimitaw il-libertà li jkunu provduti servizz minn soċjetà ta' l-informazzjoni minn Stat Membru ieħor.

[...]

4. L-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri biex jidderogaw mill-paragrafu 2 fir-rigward ta' servizz partikolari għas-soċjetà ta' l-informazzjoni jekk dawn il-kundizzjonijiet ikunu mwettqa:

(a) il-miżuri għandhom ikunu:

(i) meħtieġa għal waħda minn dawn ir-raġunijiet:

– strateġija pubblika [...]

– il-protezzjoni tas-saħħa pubblika,

– is-sigurtà pubblika, inkluż is-salvagward tas-sigurtà nazzjonali u difiża,

– il-protezzjoni ta' konsumaturi, inklużi investituri;

– [...]

(b) qabel [...] l-Istat Membru jkun:

– talab lill-Istat Membru li hemm referenza għalih fil-paragrafu 1 biex jieħu l-miżuri u dan ta' l-aħħar ma jkunx ħa dawk il-miżuri, jew li dawn kienu inadegwati,

– innotifika lill-Kummissjoni u lill-Istat Membru li hemm referenza għalih fil-paragrafu 1 bl-intenzjoni tiegħu li jieħu dawk il-miżuri.

[…]"

*2. Id-Direttiva 2006/123*

9. Il-premessi 11, 33, 40, 76 u 83 tad-Direttiva 2006/123 jistabbilixxu:

"(11) Din id-Direttiva ma tinterferix mal-miżuri meħuda mill-Istati Membri, skond il-liġi [tal-Unjoni], rigward il-ħarsien u l-promozzjoni tad-diversità kulturali u lingwistika u l-pluraliżmu fil-midja, inkluż il-finanzjament tiegħu. Din id-Direttiva ma żżommx lill-Istati Membri milli japplikaw id-drittijiet fundamentali tagħhom u l-prinċipji dwar il-libertà ta' l-istampa u l-libertà ta' espressjoni. […]

[…]

(33) Is-servizzi koperti b'din id-Direttiva jkopri varjetà wiesgħa ta' attivitajiet li dejjem jinbidlu […]. Dak il-kunċett ikopri wkoll servizzi pprovduti kemm lil negozji kif ukoll lil konsumaturi, bħal […] kummerċ ta' tqassim […]. Dawk l-attivitajiet jistgħu jinvolvu servizzi […] li jistgħu jiġu pprovduti mill-bogħod, inkluż permezz ta' l-internet.

[…]

(40) Il-kunċett ta' 'raġunijiet aktar importanti li għandhom x'jaqsmu ma' l-interess pubbliku' li għalihom qiegħda ssir referenza f'ċerti dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva […] jkopri ta' l-anqas dawn ir-raġunijiet li ġejjin: politika pubblika, sigurtà pubblika u saħħa pubblika […] l-objettivi tal-politika kulturali, inkluża salvagwardja tal-libertà ta' l-espressjoni ta' diversi elementi, b'mod partikolari valuri soċjali, kulturali, reliġjużi u filosofiċi tas-soċjetà; il-ħtieġa li jkun żgurat livell għoli ta' edukazzjoni, iż-żamma tad-diversità ta' l-istampa u l-promozzjoni tal-lingwa nazzjonali; il-preservazzjoni tal-wirt nazzjonali storiku u artistiku […].

[…]

(76) Din id-Direttiva ma tikkonċernax l-applikazzjoni ta' l-Artikoli [34 sa 36 TFUE] relatata mal-moviment liberu tal-merkanzija. Ir-restrizzjonijiet ipprojbiti skond id-dispożizzjoni dwar il-libertà li jiġu pprovduti servizzi jkopru r-rekwiżiti applikabbli għal aċċess għal attivitajiet ta' servizzi jew għall-eżerċizzju tagħhom u mhux applikabbli għal merkanzija.

[…]

(83) Jeħtieġ li jiġi żgurat li d-dispożizzjoni dwar il-libertà li jiġu pprovduti s-servizzi jista' jitlaq biss minn żoni koperti bid-derogi. […]"

10. L-Artikolu 1 ta' din id-direttiva, intitolat "Suġġett", jipprovdi fil-paragrafi 1 sa 6 tiegħu:

"1. Din id-Direttiva tistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali li jħaffu l-eżerċizzju tal-libertà ta' stabbiliment għall-fornituri tas-servizzi u l-moviment liberu tas-servizzi, filwaqt li tinżamm kwalità għolja tas-servizzi.

2. Din id-Direttiva ma tkoprix il-liberalizzazzjoni ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali, riżervata għall-entitajiet pubbliċi jew privati, lanqas mil-privatizzazzjoni ta' entitajiet pubbliċi li jipprovdu servizzi.

3. Din id-Direttiva ma tkoprix l-abolizzjoni ta' monopolji li jipprovdu servizzi lanqas l-għajnuniet mogħtija mill-Istati Membri li huma koperti mir-regoli [tal-Unjoni] dwar il-kompetizzjoni.

Din id-Direttiva ma taffettwax il-libertà ta' l-Istati Membri li jiddefinixxu, bi qbil mal-liġi [tal-Unjoni], x'jikkunsidraw bħala servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali, kif dawn is-servizzi għandhom jiġu organizzati u ffinanzjati, skond ir-regoli ta' l-għajnuna mill-Istat, u liema obbligi speċifiċi għandhom ikunu soġġetti għalihom.

4. Din id-Direttiva ma taffettwax il-miżuri meħudin fuq livell [tal-Unjoni] jew fuq dak nazzjonali, skond il-liġi [tal-Unjoni], sabiex jiġu mħarsa jew promossi d-diversità kulturali jew lingwistika jew il-pluraliżmu tal-medja.

5. Din id-Direttiva ma taffettwax ir-regoli tal-liġi kriminali ta' l-Istati Membri. Madankollu, l-Istati Membri ma jistgħux jirrestrinġu l-libertà fil-provvista ta' servizzi billi japplikaw dispożizzjonijiet tal-liġi kriminali li jirregolaw jew jaffettwaw speċifikament l-aċċess għal jew l-eżerċizzju ta' attività ta' servizz b'elużjoni tar-regoli stabbiliti f'din id-Direttiva.

6. Din id-Direttiva ma taffettwax il-liġi ta' l-impjieg, […] li l-Istati Membri japplikaw skond il-liġi nazzjonali li tirrispetta l-liġi [tal-Unjoni]. Ugwalment din id-Direttiva ma taffettwax il-leġislazzjoni tas-sigurtà soċjali ta' l-Istati Membri."

11. L-Artikolu 2 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Kamp ta' applikazzjoni", jipprevedi:

"1. Din id-Direttiva għandha tapplika għal servizzi pprovduti mill-fornituri stabbiliti fi Stat Membru.

2. Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għal dawn l-attivitajiet:

[…]

(d) is-servizzi fil-qasam tat-trasport […] li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tat-[Titolu VI tat-Tielet Parti tat-Trattat FUE];

[…]"

12. L-Artikolu 3(1) tal-istess direttiva jipprovdi, b'mod partikolari, li jekk id-dispożizzjonijiet tagħha jkunu konfliġġenti ma' dispożizzjoni ta' att ieħor tal-Unjoni li jirregola aspetti speċifiċi tal-aċċess għal attività ta' servizzi jew għall-eżerċizzju tagħha f'setturi speċifiċi, id-dispożizzjoni tal-att tal-Unjoni l-ieħor tipprevali u tapplika għal dawn is-setturi.

13. Il-punt 1 tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2006/123 jiddefinixxi t-terminu "servizz" bħala "attività ekonomika mhux imħallsa, normalment magħmula għal remunerazzjoni kif imsemmija fl-Artikolu [57 TFUE]".

14. L-Artikolu 15 ta' din id-direttiva jinsab fil-Kapitolu III, intitolat "Libertà għall-istabbiliment ta' fornituri", u jipprovdi, fil-paragrafi 2 u 3 tiegħu:

"2. L-Istati Membri għandhom jeżaminaw jekk is-sistema legali tagħhom tagħmilx l-aċċess għal attività ta' servizz jew l-eżerċizzju tagħha soġġetta għal konformità ma' kwalunkwe minn dawn ir-rekwiżiti mhux-diskriminatorji:

[...]

(g) tariffi fissi minimi u/jew massimi li magħhom għandu jikkonforma l-fornitur;

[...]

3. L-Istati Membri għandhom jivverifikaw li r-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 2 jissodisfaw il-kondizzjonijiet li ġejjin:

[...]

(b) bżonn: ir-rekwiżiti għandhom ikunu ġġustifikati b'raġuni aktar importanti li għandha x'taqsam ma' l-interess pubbliku;

[...]"

15. L-Artikolu 16 ta' din id-direttiva, li jinsab fil-Kapitolu IV tagħha, intitolat "Moviment liberu ta' servizzi", jipprevedi:

"1. L-Istati Membri għandhom jirrispettaw id-dritt tal-fornituri li jfornu servizzi fi Stat Membru ieħor għajr dak fejn huma stabbiliti.

L-Istat Membru fejn ġie provdut is-servizz għandu jiżgura aċċess liberu u eżerċizzju liberu ta' attività ta' servizz fi ħdan it-territorju tiegħu.

L-Istati Membri m'għandhomx jagħmlu l-aċċess għal jew l-eżerċizzju ta' attività ta' servizz fit-territorju tagħhom soġġett għal konformità ma' xi rekwiżit li ma jirrispettax il-prinċipji li ġejjin:

(a) non-diskriminazzjoni: ir-rekwiżit m'għandux ikun diskriminatorju la direttament lanqas indirettament fir-rigward tan-nazzjonalità jew, f'każ ta' persuni ġuridiċi, fir-rigward ta' l-Istat Membru fejn huma stabbiliti,

(b) bżonn: il-bżonn għandu jkun ġusitifikat għal raġunijiet tal-politika pubblika, is-sigurtà pubblika, is-saħħa pubblika jew il-protezzjoni ta' l-ambjent,

(ċ) proporzjonalità: ir-rekwiżit għandu jkun adatt biex jikseb l-objettivi mfittxa, u m'għandux imur lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkiseb dan l-objettiv.

[...]

3. L-Istat Membru fejn il-fornitur imur m'għandux ikun imxekkel milli jimponi rekwiżiti fir-rigward tal-provvista ta' attività ta' servizz, fejn ikunu ġustifikati minħabba raġunijiet ta' politika pubblika, sigurtà pubblika, saħħa pubblika jew il-protezzjoni ta' l-ambjent u skond il-paragrafu 1. Dak l-Istat Membru lanqas m'għandu jkun imxekkel milli japplika, bi qbil mal-liġi [tal-Unjoni], ir-regoli tiegħu dwar il-kondizzjonijiet ta' impjieg, inklużi dawk stabbiliti fi ftehim kollettiv."

### *B. Id-dritt Franċiż*

#### *1. Il-Liġi tal-1981*

16. L-ewwel u r-raba' paragrafu tal-Artikolu 1 tal-Liġi tal-1981 jipprevedi:

"Kull persuna fiżika jew ġuridika li tippubblika jew timporta kotba għandha tiffissa, għall-kotba li hija tippubblika jew timporta, prezz tal-bejgħ għall-pubbliku.

[…]

Il-bejjiegħa bl-imnut għandhom iżommu prezz tal-bejgħ effettiv għall-pubbliku ta' bejn 95 % u 100 % tal-prezz iffissat mill-pubblikatur jew l-importatur. Meta l-ktieb jintbagħat lix-xerrej u ma jinġabarx minn stabbiliment tal-bejgħ bl-imnut ta' kotba, il-prezz tal-bejgħ huwa dak iffissat mill-pubblikatur jew l-importatur. Is-servizz ta' kunsinna tal-ktieb ma jista' fl-ebda każ, kemm direttament jew indirettament, ikun offrut mill-bejjiegħ bl-imnut mingħajr ħlas, ħlief jekk il-ktieb jinġabar minn stabbiliment tal-bejgħ bl-imnut ta' kotba. Huwa għandu jiġi ffatturat b'osservanza ta' ammont minimu ta' tarifikazzjoni ffissat b'digriet tal-ministri għall-kultura u għall-ekonomija fuq proposta tal-Autorité de régulation des communications électroniques, des postes et de la distribution de la presse (l-Awtorità li Tirregola l-Komunikazzjonijiet Elettroniċi, il-Posta u d-Distribuzzjoni tal-Istampa, Franza). Dan id-digriet jieħu inkunsiderazzjoni t-tariffi offruti mill-fornituri ta' servizzi postali fis-suq tal-bejgħ bl-imnut ta' kotba u l-importanza li fit-territorju jinżamm network kbir ta' bejjiegħa bl-imnut."

#### *2. Id-Digriet tal-4 ta' April 2023*

17. Skont l-Artikolu 1 tal-arrêté du 4 avril 2023, relatif au montant minimal de tarification du service de livraison du livre (id-Digriet tal-4 ta' April 2023, dwar l-Ammont Minimu ta' Tarifikazzjoni tas-Servizz ta' Kunsinna tal-Ktieb)[5]:

"L-ammont minimu ta' tarifikazzjoni tas-servizz ta' kunsinna tal-ktieb imsemmi fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 1 tal-[Liġi tal-1981] huwa ffissat għal:

– [EUR] 3 li jinkludi t-taxxi kollha għal kull ordni li tinkludi ktieb wieħed jew iktar li l-valur tax-xiri tagħhom bħala kotba ġodda huwa inqas minn [EUR] 35 bit-taxxi kollha inklużi;

– iktar minn [EUR] 0 li jinkludi t-taxxi kollha għal kull ordni li tinkludi ktieb wieħed jew iktar ġodda li l-valur tax-xiri tagħhom bħala kotba ġodda huwa iktar jew ugwali għal [EUR] 35 bit-taxxi kollha inklużi.

[5] JORF Nru 83, tas-7 ta' April 2023, Test Nru 22 (iktar 'il quddiem id-"Digriet tal-4 ta' April 2023").

It-tariffa minima hekk iffissata tapplika għas-servizz ta' kunsinna ta' ordni jkun xi jkun in-numru ta' pakketti li tinvolvi din l-ordni.

Is-servizz ta' kunsinna jitħallas mix-xerrej b'mod konkominanti mal-ħlas tal-ordni."

## III. Il-kawża prinċipali, id-domandi preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

18. Amazon EU Sàrl (iktar 'il quddiem "Amazon"), kumpannija rregolata mid-dritt Lussemburgiż, ippreżentat quddiem il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat), il-qorti tar-rinviju, rikors għal annullament tad-Digriet tal-4 ta' April 2023.

19. Insostenn tar-rikors tagħha, Amazon targumenta li l-impożizzjoni fuq il-bejjiegħa bl-imnut ta' tariffa minima għas-servizz ta' kunsinna ta' kotba li ma jinġabrux minn stabbiliment ta' bejgħ bl-imnut ta' kotba li tikkorrispondi għal ammont minimu ffissat mid-Digriet tal-4 ta' April 2023, imur kontra, prinċipalment, id-Direttiva 2000/31, u sussidjarjament, id-Direttiva 2006/123, kif ukoll il-prinċipju tal-moviment liberu tal-merkanzija, filwaqt li tippreċiża li l-parti l-kbira tal-kotba li hija tbigħ fi Franza jiġu kkunsinnati minn imħażen li jinsabu fi Stat Membru ieħor.

20. Fl-ewwel lok, il-qorti tar-rinviju tqis li r-raba' paragrafu tal-Artikolu 1 tal-Liġi tal-1981 jirregola esklużivament is-servizz ta' kunsinna ta' kotba. Għalhekk, fid-dawl tal-Artikolu 2(h)(ii) tad-Direttiva 2000/31, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża Ker-Optika[6], ir-rekwiżit stabbilit minn din id-dispożizzjoni ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva.

21. Fit-tieni lok, din il-qorti tindika li, skont Amazon, ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 1 tal-Liġi tal-1981, jissuġġetta l-eżerċizzju liberu ta' attività ta' servizz għal rekwiżit inkompatibbli mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2006/123. Le ministère de la Culture (il-Ministeru għall-Kultura, Franza) jqis, min-naħa tiegħu, prinċipalment, li r-raba' paragrafu tal-Artikolu 1 ta' din il-liġi kien ġie adottat sabiex tiġi ppreservata d-diversità editorjali, u mbagħad, id-diversità kulturali, b'tali mod li huwa eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva b'applikazzjoni tal-Artikolu 1(4) tagħha. Sussidjarjament, dan il-Ministeru jargumenta li d-diversità kulturali hija raġuni li tippermetti l-ġustifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni.

22. Fit-tielet lok, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, fil-każ li tintlaqa' l-interpretazzjoni tal-Ministeru għall-Kultura, jekk l-eżami ta' leġiżlazzjoni fid-dawl tad-Direttiva 2006/123 għandux jeskludi l-eżami tagħha fid-dawl tad-dritt primarju.

23. Fir-raba' lok, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, fil-każ fejn tali eżami għandu jitwettaq fid-dawl tad-dritt primarju, jekk miżura nazzjonali li tiffissa tariffa minima għall-kunsinna d-dar ta' oġġett għandhiex titqies li tirrigwarda metodu ta' bejgħ ta' dan l-oġġett u, konsegwentement, għandha tiġi evalwata fid-dawl tal-moviment liberu tal-merkanzija ggarantit mill-Artikolu 34 TFUE jew fid-dawl tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi ggarantita mill-Artikolu 56 TFUE, b'kunsiderazzjoni, b'mod partikolari, tad-dannu għall-attività ta' bejgħ online ta' dan l-oġġett jew tan-natura distinta tas-servizz ta' kunsinna fir-rigward tal-bejgħ tal-oġġett.

6 Sentenza tat-2 ta' Diċembru 2010 (C-108/09, EU:C:2010:725).

24. Huwa f'dan il-kuntest li l-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) iddeċieda li jissospendi l-proċedura quddiemu u jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1(4) tad-Direttiva [2006/123] għandhom jiġu interpretati fis-sens li jeskludu mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha miżura nazzjonali li tirregola l-eżerċizzju, fit-territorju tal-Istat Membru, ta' attività ta' servizz sabiex titħares jew tiġi promossa d-diversità kulturali jew, flimkien mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 16(1)(b) [ta' din id-]direttiva, għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-preservazzjoni jew il-promozzjoni tad-diversità kulturali tista' tiġġustifika deroga mill-projbizzjoni li tissuġġetta lill-fornituri ta' servizzi stabbiliti fi Stat Membru ieħor għal rekwiżit stabbilit minn tali leġiżlazzjoni nazzjonali?

2) L-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà ta' tali leġiżlazzjoni nazzjonali mal-għanijiet imfittxija mid-Direttiva 2006/123 hija eskluża mill-istess eżami fir-rigward tad-dritt primarju tal-Unjoni?

3) Fil-każ li jkun xieraq li tiġi evalwata l-kompatibbiltà ta' miżura nazzjonali adottata bil-għan li titħares jew tiġi promossa d-diversità kulturali mal-libertajiet iggarantiti mill-Artikoli 34 u 56 TFUE, miżura nazzjonali li tistabbilixxi tariffa minima għall-kunsinna d-dar ta' oġġett għandha titqies li tirrigwarda metodu ta' bejgħ ta' dan l-oġġett u, konsegwentement, tiġi evalwata fir-rigward biss tal-moviment liberu tal-merkanzija jew dan ir-regolament għandu jiġi evalwat biss fuq il-bażi tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, b'mod partikolari, fir-rigward tad-dannu għall-attività ta' bejgħ ta' dan l-oġġett fuq l-internet jew għan-natura distinta tas-servizz ta' kunsinna fir-rigward tal-bejgħ tal-oġġett?"

## IV. Analiżi

25. Qabelxejn għandu jiġi enfasizzat li dawn id-domandi preliminari kollha jirrigwardaw id-determinazzjoni tad-dritt tal-Unjoni applikabbli f'dan il-każ. Minn din il-perspettiva, il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja, permezz tal-ewwel domanda tagħha, jekk id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/123 humiex applikabbli; permezz tat-tieni, fil-każ fejn id-Direttiva 2006/123 tkun applikabbli, jekk eżami jistax jitwettaq fid-dawl tad-dritt primarju, u permezz tat-tielet, jekk il-leġiżlazzjoni inkwistjoni tikkostitwixxix ostakolu skont l-Artikoli 34 jew 56 TFUE. Mill-banda l-oħra, hija ma tistaqsix dwar ġustifikazzjoni possibbli għal eventwali ostakolu.

### *A. Osservazzjonijiet preliminari*

#### *1. Fuq il-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali*

26. Peress li l-qorti tar-rinviju tirreferi għall-protezzjoni u l-promozzjoni tad-diversità kulturali, għandu jiġi eżaminat l-għan iddikjarat tal-miżura inkwistjoni u l-mekkaniżmu li hija tistabbilixxi sabiex jintlaħaq. Il-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali timponi fuq il-bejjiegħa bl-imnut li jiffatturaw lix-xerrejja, skont tariffi minimi, is-servizz ta' kunsinna ta' kotba li ma jinġabrux minn stabbilimenti ta' bejgħ bl-imnut ta' kotba, iżda jiġu kkunsinnati d-dar.

27. L-għan iddikjarat ta' din il-leġiżlazzjoni huwa li tipproteġi l-bejjiegħa bl-imnut ta' kotba stabbiliti fi Franza. F'dan ir-rigward, il-Gvern Franċiż spjega li, fi Franza, is-suq tal-ktieb huwa s-suġġett ta' politika kulturali li hija "intiża sabiex tipproteġi l-ktieb bħala beni kulturali mill-effetti negattivi li jistgħu jirriżultaw minn kompetizzjoni fuq il-prezzijiet". Huwa f'din il-perspettiva li l-Liġi tal-1981 ipprevediet mekkaniżmu ġenerali ta' ffissar ta' prezzijiet li abbażi tiegħu l-pubblikaturi u l-importaturi ta' kotba għandhom l-obbligu li jiffissaw prezz tal-bejgħ għall-pubbliku, li l-bejjiegħa bl-imnut għandhom josservaw, bla ħsara għal tnaqqis massimu ta' 5 %.

28. Minkejja li dan il-mekkaniżmu ġenerali ta' ffissar tal-prezzijiet ma jaqax fil-parametri ta' dawn il-konklużjonijiet, wieħed jista' jindika li, skont is-sostenituri tagħha, din il-politika kulturali tippermetti li tiżgura l-vitalità u l-pluralità tas-settur tal-pubblikazzjoni u li jinżamm network ta' tixrid u ta' distribuzzjoni tal-kotba kbir u diversifikat fit-territorju kollu nazzjonali.

29. Barra minn hekk, nirrileva li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà kienet mistoqsija dwar il-prezz tal-bejgħ bl-imnut ta' kotba fi Franza, kif ukoll fl-Awstrija, u kkonkludiet li tali sistemi ma humiex inkompatibbli mad-dispożizzjonijiet tas-suq intern, u b'mod partikolari, mal-moviment liberu tal-merkanzija[7].

30. Iż-żieda tal-bejgħ permezz tal-internet ħarbtet bil-kbir mhux biss id-drawwiet tal-klijenti, iżda wkoll, skont il-Gvern Franċiż, il-bilanċ miġjub mil-Liġi tal-1981. Hija ġabet ukoll fattur ġdid ta' kompetizzjoni: l-ispejjeż ta' kunsinna. Fil-fatt, uħud mill-pjattaformi kbar online offrew li ma jsirx ħlas għall-ispejjeż ta' kunsinna ta' kotba, u dan, skont il-Gvern Franċiż, b'detriment għall-bejjiegħa bl-imnut l-oħra. Sabiex tirrimedja għall-iżbilanċ bejn l-atturi tas-suq, din il-liġi ġiet emendata, billi ġie impost li l-fatturazzjoni tal-ispejjeż postali għandha tosserva ammont minimu ta' tarifikazzjoni u billi pprovdiet prezz minimu ta' EUR 3 kif ukoll il-possibbiltà ta' kważi xejn għal xirja ta' iktar minn EUR 35.

31. Għalhekk, il-leġiżlazzjoni inkwistjoni tirrigwarda espressament il-bejgħ ta' kotba permezz tal-internet, li jwassalni għall-analiżi tad-Direttiva 2000/31.

### *2. Fuq id-Direttiva 2000/31*

32. Qabelxejn għandu jiġi eżaminat jekk id-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni jaqgħux fil-qasam ikkoordinat tad-Direttiva 2000/31. Jekk dan huwa il-każ u jekk id-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni jirriżultaw kuntrarji għad-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva, dawn id-dispożizzjonijiet nazzjonali jipprevalu mbagħad fuq dawk tad-Direttiva 2006/123.

33. F'dan ir-rigward, Amazon u l-Kummissjoni Ewropea jikkunsidraw li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni taqa' fil-qasam ikkoordinat tad-Direttiva 2000/31.

34. Skont l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2000/31, l-Istati Membri ma jistgħux, għal raġunijiet li jaqgħu fil-qasam ikkoordinat, jirrestrinġu l-moviment liberu tas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni li joriġinaw minn Stat Membru ieħor. Il-"qasam ikkoordinat" huwa ddefinit fl-Artikolu 2(h) tad-Direttiva 2000/31 bħala r-rekwiżiti previsti mis-sistemi ġuridiċi tal-Istati

[7] Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenzi tal-10 ta' Jannar 1985, Association des Centres distributeurs Leclerc u Thouars Distribution (229/83, EU:C:1985:1); tat-23 ta' Ottubru 1986, Cognet (355/85, EU:C:1986:410); tal-14 ta' Lulju 1988, Syndicat des libraires de Normandie (254/87, EU:C:1988:413); u tat-3 ta' Ottubru 2000, Échirolles Distribution (C-9/99, EU:C:2000:532). Ara, fir-rigward tal-leġiżlazzjoni Awstrijaka dwar il-prezz tal-kotba importati, sentenza tat-30 ta' April 2009, Fachverband der Buch- und Medienwirtschaft (C-531/07, EU:C:2009:276).

Membri u applikabbli għall-fornituri ta' servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni jew għas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni, kemm jekk ikunu ta' natura ġenerali kif ukoll jekk ikunu maħsuba speċifikament għalihom.

35. Għalhekk, id-Direttiva 2000/31 hija bbażata fuq loġika tal-"pajjiż ta' oriġini"[8]. Ir-rekwiżiti ta' aċċess u ta' eżerċizzju huma imposti prattikament mingħajr eċċezzjoni mill-Istat Membru ta' oriġini.

36. Madankollu, huma esklużi mill-qasam ikkoordinat, skont l-Artikolu 2(h)(ii) tad-Direttiva 2000/31, rekwiżiti bħal dawk applikabbli għall-merkanzija bħala tali u dawk applikabbli għall-kunsinna ta' merkanzija.

37. Għalhekk, tqum il-kwistjoni dwar jekk miżura relatata mat-tarifikazzjoni ta' kunsinna li ma timponix rekwiżit speċifiku dwar il-mod li bih oġġett għandu jiġi kkunsinnat, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, tikkostitwixxix rekwiżit applikabbli għall-kunsinna ta' merkanzija.

38. Skont Amazon u l-Kummissjoni, dan ma huwiex il-każ. Huma jiddikjaraw li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni tirrigwarda l-prezz tat-tranżazzjonijiet online u ma tirrigwardax il-kundizzjonijiet konkreti relatati mal-kunsinna, bħala tali, ta' ktieb. Skont Amazon, din il-leġiżlazzjoni ma tirrigwardax il-provvisti ta' servizzi ta' kunsinna u ma taffettwax l-impriżi speċjalizzati (biss) fl-attivitajiet ta' kunsinna. Dan iwassal lil Amazon u l-Kummissjoni sabiex jikkonkludu li ma aħniex fil-preżenza ta' rekwiżit applikabbli għall-kunsinna ta' merkanzija skont l-Artikolu 2(h)(ii) tad-Direttiva 2000/31.

39. Jiena m'iniex konvint minn dawn l-argumenti.

40. Qabelxejn, għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li minkejja li regoli nazzjonali dwar il-kummerċjalizzazzjoni ta' lentijiet tal-kuntatt jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2000/31 sa fejn jikkonċernaw l-att ta' bejgħ ta' dawn il-lentijiet permezz tal-internet, madankollu, dan ma kienx il-każ għal regoli nazzjonali relatati mal-*kunsinna* tal-imsemmija lentijiet[9]. Issa, il-leġiżlazzjoni inkwistjoni hawnhekk għandha l-għan u l-effett li tirregola l-kunsinna, id-dar, ta' kotba. F'dan il-kuntest, ma nistax naqbel mal-argument ta' Amazon u tal-Kummissjoni li jipprovdi, essenzjalment, li l-kunsinna ta' ktieb hija fir-realtà kundizzjoni aċċessorja u indissoċjabbli mill-bejgħ *online*[10].

41. Ċertament, huwa minnu li l-konsumatur, meta jixtri ktieb online, jwettaq, mill-perspettiva tiegħu, tranżazzjoni waħda. Madankollu, jibqa' l-fatt li din tirrigwarda, legalment u fil-fatt, żewġ tranżazzjonijiet, jiġifieri l-bejgħ ta' ktieb u l-kunsinna sussegwenti tiegħu.

42. Barra minn hekk, wieħed ma jistax jitkellem dwar "tranżazzjoni indissoċjabbli" sa fejn il-leġiżlazzjoni inkwistjoni tirreferi biss għall-kunsinni d-dar. Fi-fatt, ir-rekwiżiti ta' tarifikazzjoni relatati mal-kunsinna huma imposti indipendentement mill-fatt li l-ktieb huwa jew mhuwiex mixtri permezz tal-internet: ladarba ssir kunsinna d-dar, tarifikazzjoni hija applikabbli. Mill-banda l-oħra, għal dak li jirrigwarda ordnijiet imwettqa permezz tal-internet u li jinġabru minn ħanut, ma hemmx obbligu li jiġu ffatturati l-ispejjeż ta' kunsinna.

[8] Ara f'dan is-sens, il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawżi Airbnb Ireland *et* (C-662/22 sa C-667/22, EU:C:2024:18, punt 145). Ara wkoll, is-sentenza tad-9 ta' Novembru 2023, Google Ireland *et* (C-376/22, EU:C:2023:835, punt 42).

[9] Ara s-sentenza tat-2 ta' Diċembru 2010, Ker-Optika (C-108/09, EU:C:2010:725, punt 77).

[10] Nikkunsidra li l-kunsinna ta' prodott hija strettament marbuta mal-bejgħ bħala tali ta' merkanzija; ara wkoll l-analiżi fil-punti li ġejjin tal-konklużjonijiet preżenti għal dak li jirrigwarda l-Artikolu 34 TFUE. Madankollu ma hijiex marbuta mal-bejgħ *online*.

43. F'dawn iċ-ċirkustanzi, nikkunsidra li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni ma hijiex koperta mill-qasam ikkoordinat, skont l-Artikolu 2(h)(ii) tad-Direttiva 2000/31, u konsegwentement, li l-Artikolu 3(2) tagħha ma huwiex applikabbli, li jimplika li ma hijiex il-leġiżlazzjoni stabbilita mill-pajjiż ta' oriġini għal dak li jirrigwarda l-ispejjeż ta' kunsinna li tapplika għal Amazon.

### *B. L-ewwel u t-tieni domanda preliminari: fuq id-Direttiva 2006/123*

44. Permezz tal-ewwel u t-tieni domanda tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, fl-ewwel lok, jekk l-Artikolu 1(4) tad-Direttiva 2006/123 għandux jiġi interpretat fis-sens li jeskludi mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha leġiżlazzjoni nazzjonali li tiffissa tariffa minima għall-kunsinna d-dar ta' ordni li tinkludi ktieb wieħed jew iktar; fit-tieni lok, fil-każ li din id-domanda tingħata risposta negattiva, jekk il-promozzjoni tad-diversità kulturali, prevista minn din id-dispożizzjoni, moqrija flimkien mal-Artikolu 16(1)(b) ta' din id-direttiva, tistax tiġġustifika tali miżura, u fit-tielet lok, essenzjalment, preżunt li l-imsemmija direttiva hija applikabbli, jekk il-leġiżlazzjoni inkwistjoni tistax tiġi eżaminata fid-dawl tad-dritt primarju tal-Unjoni.

#### *1. Obbligi speċifiċi li jirriżultaw mid-Direttiva 2006/123*

45. Meta d-Direttiva 2006/123 tapplika għal attività, l-Istat Membru kkonċernat għandu, b'mod partikolari, jelimina r-restrizzjonijiet għal-libertà ta' stabbiliment u għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 16 ta' din id-direttiva jipprevedi li r-restrizzjonijiet huma aċċettati biss jekk ikunu ġġustifikati b'waħda mir-raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali elenkati minn din id-dispożizzjoni, proporzjonati u nondiskriminatorji. Minbarra dan l-obbligu ġenerali, l-Istati Membri għandhom jikkonformaw ruħhom ma' sensiela ta' obbligi oħra iktar preċiżi.

46. Dawn l-obbligi jimplikaw, b'mod partikolari, is-simplifikazzjoni amministrattiva [11] billi joħolqu punti uniċi ta' servizz [12] u billi jipprevedu proċeduri permezz ta' mezzi elettroniċi [13], obbligi ta' assistenza lid-destinatarji ta' servizzi [14], li jiżguraw li l-fornituri jqiegħdu sensiela ta' informazzjoni għad-dispożizzjoni tad-destinatarji [15], u jipproċedu b'kooperazzjoni amministrattiva mal-Istati Membri l-oħra [16].

47. Għalhekk li jkunu suġġetti għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/123 għandu konsegwenzi tanġibbli għall-Istati Membri.

#### *2. Fuq l-Artikolu 1(4) tad-Direttiva 2006/123*

48. Infakkar li l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2006/123, intitolat "Suġġett", jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu, li din hija intiża sabiex "tistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali li jħaffu l-eżerċizzju tal-libertà ta' stabbiliment għall-fornituri tas-servizzi u l-moviment liberu tas-servizzi, filwaqt li tinżamm kwalità għolja tas-servizzi".

[11] Ara l-Kapitolu II tad-Direttiva 2006/123 (Artikoli 5 sa 8).

[12] Ara l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2006/123.

[13] Ara l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2006/123.

[14] Ara l-Artikolu 21 tad-Direttiva 2006/123.

[15] Ara l-Artikolu 22 tad-Direttiva 2006/123.

[16] Ara l-Kapitolu VI tad-Direttiva 2006/123.

49. Imbagħad, dan l-artikolu jipprevedi, fil-paragrafi 2 sa 6 tiegħu[17], l-oqsma li d-Direttiva 2006/123 "ma tkoprix", li lilhom "ma taffettwax " jew li għalihom "ma tapplikax" u li hija "ma taffettwax", u b'mod partikolari, fil-paragrafu 4 tiegħu li hija "*ma taffettwax* il-miżuri meħudin fuq livell [tal-Unjoni] jew fuq dak nazzjonali, skond il-liġi [tal-Unjoni], *sabiex jiġu mħarsa jew promossi d-diversità kulturali jew lingwistika jew il-pluraliżmu tal-medja*"[18].

50. Mill-banda l-oħra, l-Artikolu 2 tad-Direttiva 2006/123, intitolat "Kamp ta' applikazzjoni", jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu, li din tapplika għas-servizzi pprovduti mill-fornituri li għandhom l-istabbiliment tagħhom fi Stat Membru, u fil-paragrafu 2 tiegħu, sensiela ta' eċċezzjonijiet għal dan il-prinċipju. Huwa jippreċiża li din id-direttiva "m'għandhiex tapplika" għal sensiela sħiħa ta' "attivitajiet".

51. Il-qari tal-Artikoli 1 u 2 tad-Direttiva 2006/123 iwassalni sabiex nagħmel il-mistoqsija li ġejja: għaliex din id-direttiva tiddedika żewġ artikoli għas-suġġett u għall-kamp ta' applikazzjoni tagħha, li intwittivament jidhru li huma ħaġa waħda u l-istess? U kif tispjega d-differenza ta' formulazzjoni bejn il-paragrafi differenti?

52. Fir-rigward tal-formulazzjoni tal-Artikolu 1(4) tad-Direttiva 2006/123, u b'mod partikolari, il-kliem "ma taffettwax", għandu jiġi osservat li din il-formulazzjoni hija jekk xejn infeliċi, peress li d-dispożizzjonijiet legali ma għandhomx ikunu deskrittivi iżda preskrittivi. Preskrittiva hija dispożizzjoni li tipprevedi li att legali japplika jew ma japplikax għal ċerti oqsma tad-dritt. F'dan l-ispirtu, l-Artikolu 2 ta' din id-direttiva huwa ċar: din ma tapplikax għal diversi oqsma tad-dritt stabbiliti b'mod ċar. Wieħed ma jistax jgħid l-istess għall-Artikolu 1(4) tal-imsemmija direttiva, li huwa s-suġġett tal-eżami. Bl-użu tal-kliem deskrittiv "ma taffettwax ", il-qarrej jitħalla fid-dlam. Għaliex "ma taffettwax"? Għax id-dispożizzjoni tiddikjara dan? Dan kollu jista' jagħti x'jifhem li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma kellux l-intenzjoni li jagħti valur legali lill-Artikolu 1(4) tal-istess direttiva. Huwa qies sempliċement tajjeb li jippreċiża li, fil-fehma tiegħu, id-Direttiva 2006/123 ma hijiex ta' natura li taffettwa l-oqsma msemmija fl-Artikolu 1(4) ta' din id-direttiva, jiġifieri l-protezzjoni jew il-promozzjoni tad-diversità kulturali jew lingwistika, jew tal-pluraliżmu tal-media.

53. Nammetti li huwa ta' tentazzjoni li nikkunsidra li d-dispożizzjoni tal-Artikolu 1(4) tad-Direttiva 2006/123 ma għandha ebda valur legali u niddikjara li hija sempliċement regola deskrittiva u narrattiva[19], li tista' tiġi eskluża għall-finijiet tal-analiżi legali.

54. Il-konsegwenza ta' tali raġunament ikun li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni tista' tiġi evalwata fid-dawl tad-Direttiva 2006/123. Dan jimplika, b'mod partikolari, li l-Artikolu 16 ta' din id-direttiva jkun applikabbli, mingħajr ma l-leġiżlazzjoni tkun iġġustifikata għax il-protezzjoni tad-diversità lingwistika ma tinsabx fost ir-raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali elenkati f'din id-dispożizzjoni.

55. Madankollu, tali approċċ ma jistax ikun sostnut għar-raġunijiet li ġejjin.

[17] Ara l-punt 11 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[18] Korsiv miżjud minni. Għandu jiġi enfasizzat li din id-dispożizzjoni hija fformulata f'termini identiċi għal dawk tal-Artikolu 1(6) tad-Direttiva 2000/31.

[19] Awtur tad-dottrina kkunsidra li din hija waħda mill-interpretazzjonijiet possibbli, ara Barnard, C., "Unravelling the Services Directive", *Common Market Law Review*, Nru 45, 2008, p. 323 sa 394, partikolarment p. 344.

56. Fil-fehma tiegħi huwa diffiċli li wieħed jaċċetta li dispożizzjoni ta' att ġuridiku tkun kompletament mingħajr ebda effett ġuridiku. Fil-fehma tiegħi, kull paragrafu tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2006/123 għandu jiġi evalwat b'attenzjoni u jiġi interpretat billi tittieħed inkunsiderazzjoni n-natura tal-miżuri msemmija, minkejja li, kif ser nuri iktar 'il quddiem fil-konklużjonijiet preżenti, ebda waħda mill-interpretazzjonijiet possibbli tal-Artikolu 1(4) ta' din id-direttiva ma hija verament sodisfaċenti.

57. F'dan ir-rigward, nosserva li kull interpretazzjoni letterali u semantika intiża sabiex tistabbilixxi differenza bejn il-kliem ikkonċernat[20] ma tistax tirnexxi peress li tali differenza ma teżistix f'ċerti verżjonijiet lingwistiċi tad-Direttiva 2006/123[21]. Għaldaqstant, peress li (i) il-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni jikkostitwixxu lingwi awtentiċi tal-atti li fihom ikunu redatti, b'tali mod li (ii) il-verżjonijiet lingwistiċi kollha ta' att tal-Unjoni għandhom, bħala prinċipju, jingħataw l-istess valur[22], peress li (iii) interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni timplika għalhekk paragun ta' verżjonijiet lingwistiċi differenti[23] u peress li (iv) id-diversi verżjonijiet lingwistiċi ta' test tad-dritt tal-Unjoni għandhom jiġu interpretati b'mod uniformi[24], nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja ma tagħmilx differenza bejn it-termini "ne porte pas atteinte", "n'affecte pas" u "ne s'applique pas" użati (bil-Franċiż) fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 2006/123.

58. Ser indur issa lejn l-ekonomija u l-istruttura tad-Direttiva 2006/123, sabiex infittex ir-risposta għad-domanda magħmula.

59. L-ewwel nett, wieħed għandu jżomm f'moħħu li l-għan tad-Direttiva 2006/123 huwa l-istess bħal dak imfittex mil-libertajiet fundamentali tat-Trattat FUE, jiġifieri l-eliminazzjoni ta' ostakoli għall-moviment liberu. F'dan il-kuntest, huwa magħruf li, minħabba n-natura trasversali tagħhom, il-libertajiet fundamentali jistgħu jkunu ta' preġudizzju b'kull mod immaġinabbli. Li kieku l-leġiżlatur tal-Unjoni llimita ruħu li jindika li l-libertà ta' stabbiliment u l-moviment liberu ta' servizzi "ma jippreġudikawx" id-diversità kulturali, din kienet tkun impossibbiltà loġika. Dan jindika li dan ried jagħti portata legali lill-Artikolu 1(4) tad-Direttiva 2006/123.

60. It-tieni nett, wieħed ma jistax jinsa li t-Trattat FUE, minn naħa, u d-Direttiva 2006/123, min-naħa l-oħra, jużaw metodi differenti sabiex jilħqu l-għan komuni li jeliminaw ir-restrizzjonijiet għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi[25]. It-Trattat FUE jirrigwarda qabelxejn ir-"restrizzjonijiet fuq il-libertà li jiġu provduti servizzi fl-Unjoni"[26]. Huwa jsegwi "integrazzjoni negattiva" billi jipprojbixxi l-*ostakoli* għall-kummerċ tas-servizzi[27]. Mill-banda l-oħra, id-Direttiva 2006/123 tenfasizza fuq u speċifikament timmira lejn *attivitajiet* ta' servizzi. Bħala att ta' dritt sekondarju, bi grad ogħla ta' dettall, hija tista' tindirizza l-problemi li jiltaqgħu magħhom il-fornituri ta' servizzi meta jiltaqgħu ma' ostakoli. Din hija r-raġuni li għaliha hija

[20] Jiġifieri t-termini bil-Franċiż "ne porte pas atteinte", "n'affecte pas" u "ne s'applique pas".

[21] Terminoloġija waħda hija użata (u mhux tlieta, bħal fil-verżjoni fil-lingwa Franċiża) f'diversi verżjonijiet lingwistiċi, b'mod partikolari dawk fil-lingwa Spanjola ("nºafecta"), Ingliża ("does not affect"), Ġermaniża ("berührt nicht"), Taljana ("non pregiudica"), Pollakka ("nie ma wpływu"), Portugiża ("não afecta") u Rumena ("nu afectează").

[22] Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-25 ta' Ġunju 2020, A *et* (Eoliċi f'Aalter u f'Nevele) (C-24/19, EU:C:2020:503, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[23] Ara s-sentenza tas-6 ta' Ottubru 1982, Cilfit *et* (283/81, EU:C:1982:335, punt 18).

[24] Ara, pereżempju, is-sentenza tat-30 ta' Mejju 2013, Genil 48 u Comercial Hostelera de Grandes Vinos (C-604/11, EU:C:2013:344, punt 38 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[25] Ara wkoll, il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawżi X u Visser (C-360/15 u C-31/16, EU:C:2017:397, punt 78).

[26] Ara l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 56 TFUE.

[27] It-tieni u t-tielet paragrafu tal-Artikolu 57 TFUE jsemmu "attivitajiet", iżda biss bħala eżempju.

tiffoka fuq l-attivitajiet tal-fornituri ta' servizzi u l-istruttura tagħha kollha hija mmirata lejn l-attivitajiet ta' servizzi [28]. Għalhekk huwa loġiku wkoll li l-Artikolu 2 tad-Direttiva 2006/123, li jiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni tagħha, jirreferi għall-attivitajiet ta' servizzi.

61. Iżda xi ngħidu għal miżuri adottati fil-livell nazzjonali li huma intiżi sabiex jipproteġu jew jippromwovu d-diversità lingwistika u li, mid-definizzjoni tagħhom, għandhom portata iktar wiesgħa mill-attivitajiet? Xi ngħidu għal dawk l-oqsma li l-leġiżlatur forsi xtaq jeskludi mid-Direttiva? Il-fehim tiegħi tal-miżuri msemmija mill-Artikolu 2 tad-Direttiva 2006/123 huwa li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma riedx jeskludihom mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, iżda jindika li din id-direttiva għandha tiġi interpretata fid-dawl ta' dawn il-miżuri, li jimplika, b'mod partikolari, li tali miżuri jistgħu jservu bħala mezzi ta' ġustifikazzjoni ta' ostakolu għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi.

62. Fid-dawl ta' din il-konstatazzjoni, għandu issa jiġi eżaminat kif jiġi stabbilit li leġiżlazzjoni taqa' taħt il-protezzjoni tad-diversità kulturali.

63. Il-fatt waħdu, li Stat Membru, jinvoka sempliċement li leġiżlazzjoni taqa' taħt il-protezzjoni tad-diversità kulturali ma huwiex suffiċjenti, peress li, skont tali approċċ, l-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw unilateralment ċerti aspetti tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2006/123.

64. Għalhekk, Stat Membru għandu jiġġustifika leġiżlazzjoni nazzjonali intiża sabiex tippromwovi d-diversità lingwistika l-istess kif jiġġustifika ostakolu, billi jipproduċi l-prova li l-leġiżlazzjoni hija proporzjonata, jiġifieri li hija tista' tilħaq l-għan imfittex u neċessarju għal dan il-għan.

65. Peress li l-Artikolu 1(4) tad-Direttiva 2006/123 ma jiddefinixxix il-kamp ta' applikazzjoni tagħha, għandu jitqies li dan fir-realtà jikkostitwixxi mezz ta' ġustifikazzjoni ta' ostakolu, jiġifieri l-protezzjoni tad-diversità kulturali [29]. Ninsab konxju tal-fatt li tali soluzzjoni hija, essenzjalment, ammissjoni ta' raġuni imperattiva ta' interess ġenerali addizzjonali għal dawk imsemmija fl-Artikolu 16(3) tad-Direttiva 2006/123. Effettivament, billi introduċa, fl-aħħar tal-proċedura leġiżlattiva, l-Artikolu 1(4) fid-Direttiva 2006/123, il-leġiżlatur ried jiżgura li Stat Membru seta' jadotta miżuri intiżi sabiex jippromwovu d-diversità lingwistika.

66. Fil-fehma tiegħi, minn dan isegwi li, miżura nazzjonali intiża għall-promozzjoni tad-diversità kulturali hija rregolata mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/123 u tista' potenzjalment tiġi ġġustifikata jekk hija tissodisfa l-kundizzjonijiet "klassiċi" previsti fl-Artikolu 16 ta' din id-direttiva bħal, b'mod partikolari, il-prinċipju ta' proporzjonalità.

67. Għalhekk, nipproponi li r-risposta għall-ewwel domanda tkun li l-Artikolu 1(4) tad-Direttiva 2006/123 għandu jkun interpretat fis-sens li leġiżlazzjoni nazzjonali li tiffissa tariffa minima għall-kunsinna d-dar ta' ordni li tinkludi ktieb wieħed jew iktar taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva u tista' tiġi ġġustifikata jekk il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 16 tal-imsemmija direttiva jkunu ssodisfatti.

28 Il-kelma "attività", fis-singular jew fil-plural, tintuża tal-inqas 146 darba fid-Direttiva 2006/123: 85 darba fil-preambolu u 61 darba fid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva. Mill-banda l-oħra, il-kelma "ostakolu(i)" tissemma 15-il darba, u fil-preambolu biss, filwaqt li l-kelma "restrizzjoni(jiet)" tidher 20 darba: 15-il darba fil-preambolu u 5 darbiet fid-dispożizzjonijiet.

29 Ma jkunx loġiku li jsir eżami komplet tal-proporzjonalità ta' miżura sabiex jiġi ddeterminat il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2006/123.

68. Għal dak li jirrigwarda d-domanda dwar jekk id-dritt primarju japplikax fil-każ ta' applikabbiltà tad-Direttiva 2006/123, ir-risposta tirriżulta minn ġurisprudenza stabbilita: peress li nidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2006/123, ma għandhiex issir referenza għall-Artikoli 49 jew 56 TFUE u lanqas għal libertajiet fundamentali oħra tas-suq intern.

## *C. It-tielet domanda preliminari*

69. Fid-dawl tar-risposta li nipproponi li għandha tingħata lill-ewwel u t-tieni domanda, it-tielet domanda ssir ipotetika. Ser neżaminaha xorta waħda fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tqis li d-dritt primarju huwa applikabbli għal din il-kawża.

70. Permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk miżura nazzjonali li tiffissa tariffa minima għall-kunsinna d-dar ta' kotba tikkostitwixxix ostakolu, skont l-Artikolu 34 TFUE u/jew l-Artikolu 56 TFUE.

71. Għalhekk, il-qorti tar-rinviju donnha tfittex biss li jiġi ddeterminat jekk l-Artikolu 34 TFUE u/jew l-Artikolu 56 TFUE humiex applikabbli, mingħajr madankollu ma titlob indikazzjonijiet dwar ġustifikazzjoni possibbli tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni.

72. Huwa stabbilit li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni tikkonċerna kemm il-kotba bħala merkanzija kif ukoll il-kunsinna tagħhom bħala servizz. Meta l-kawżi jirrigwardaw kemm merkanzija kif ukoll servizzi, il-Qorti tal-Ġustizzja twettaq normalment eżami ta' libertà waħda abbażi ta' test imsejjaħ taċ-"ċentru ta' gravità"[30]. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat diversi drabi li, meta miżura nazzjonali taffettwa kemm il-libertà li jiġu pprovduti servizzi kif ukoll il-moviment liberu tal-merkanzija, il-Qorti tal-Ġustizzja teżaminaha, bħala regola, fid-dawl ta' waħda biss minn dawn iż-żewġ libertajiet fundamentali, jekk jirriżulta li, fiċ-ċirkustanzi tal-każ inkwistjoni, waħda minn dawn hija kompletament sekondarja meta mqabbla mal-oħra u tista' tiġi assoċjata magħha[31]. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tendenza tittratta l-kawżi ta' bejgħ bl-imnut fid-dawl tal-moviment liberu tal-merkanzija[32]. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ma tiċħadx li attività ekonomika jkollha aspetti diversi mill-perspettiva tal-libertajiet fundamentali, anki jekk hija analizzat sitwazzjoni fid-dawl ta' libertà waħda biss.

73. Għalhekk, fil-kawża li wasslet għas-sentenza Burmanjer *et*[33], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li ma jistax jiġi eskluż li l-bejgħ ta' prodott jista' jkun akkumpanjat minn attività li għandha aspetti ta' "servizz". Iżda, din iċ-ċirkustanza waħedha ma tistax tkun suffiċjenti sabiex tikkwalifika operazzjoni ekonomika, bħal dik tal-bejgħ itineranti bħala "provvista ta' servizzi" fis-sens tal-Artikolu 56 TFUE. Għall-kuntrarju, għandu jiġi stabbilit, f'kull każ speċifiku, jekk din il-provvista tikkostitwixxix jew le aspett totalment sekondarju meta mqabbla mal-elementi relatati mal-moviment liberu tal-merkanzija[34].

30 Ara wkoll il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawżi magħquda X u Visser (C-360/15 u C-31/16, EU:C:2017:397, punt 90). Meta libertà fundamentali partikolari ma tistax tiġi sempliċement eskluża bħala li hija kompletament sekondarja, il-Qorti tal-Ġustizzja twettaq l-eżami konġunt taż-żewġ libertajiet u teżaminahom suċċessivament. Ara fid-dettall, il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawżi X u Visser (C-360/15 u C-31/16, EU:C:2017:397, punti 89 sa 95).

31 Ara s-sentenzi tal-24 ta' Marzu 1994, Schindler (C-275/92, EU:C:1994:119, punt 22); tal-14 ta' Ottubru 2004, Omega (C-36/02, EU:C:2004:614, punt 26); tas-26 ta' Mejju 2005, Burmanjer *et* (C-20/03, EU:C:2005:307, punt 35), kif ukoll tat-2 ta' Diċembru 2010, Ker-Optika (C-108/09, EU:C:2010:725, punt 43).

32 Ara s-sentenza tat-13 ta' Jannar 2000, TK-Heimdienst (C-254/98, EU:C:2000:12).

33 Sentenza tas-26 ta' Mejju 2005 (C-20/03, EU:C:2005:307, punt 34).

34 Ara s-sentenza tas-26 ta' Mejju 2005, Burmanjer *et* (C-20/03, EU:C:2005:307, punt 34).

74. Fir-rigward tal-fatt li tiġi analizzata sitwazzjoni fid-dawl ta' libertà waħda biss, irreferejt, fil-konklużjonijiet tiegħi fil-kawżi X u Visser[35], għal-loġika tat-test imsejjaħ taċ-"ċentru ta' gravità": f'sitwazzjoni fejn il-Qorti tal-Ġustizzja hija msejħa tinterpreta d-dritt primarju biss, huwa naturali li hija tikkonċentra fuq il-libertà fundamentali predominanti. Għaliex għandha twettaq l-istess test fid-dawl ta' libertà oħra, sempliċement sabiex tasal għall-istess riżultat? Wara kollox, il-libertajiet fundamentali kollha għandhom l-istess għan: li jeliminaw l-ostakoli għall-kummerċ fis-suq intern. Il-fatt li sitwazzjoni partikolari tkun koperta, ngħidu aħna, mill-Artikolu 49 TFUE biss, mill-Artikolu 34 TFUE biss, mill-Artikoli 34 u 56 TFUE jew mill-Artikolu 56 TFUE biss, ma huwiex, fil-maġġor parti tal-każijiet, ta' importanza kbira.

75. Għal dak li jirrigwarda l-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jiena tal-opinjoni li l-libertà fundamentali rilevanti hija l-moviment liberu tal-merkanzija, stabbilit fl-Artikolu 34 TFUE.

76. Fil-fatt, din il-leġiżlazzjoni għandha l-iskop u l-effett li tirregola l-attività ta' bejgħ online ta' kotba u hija intiża sabiex iżżid il-prezz ta' ordni ta' kotba online. Għalhekk, huwa l-prezz globali ta' ktieb, jiġifieri ta' merkanzija, li jiżdied bħala riżultat ta' din il-leġiżlazzjoni.

77. B'mod iktar partikolari, għal dak li jirrigwarda l-bejgħ ta' prodotti mediċinali[36], ta' lentijiet tal-kuntatt[37] jew ta' vidjogrammi[38], il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li miżura nazzjonali li tirrigwarda modalità kkaratterizzata mill-bejgħ ta' merkanzija permezz tal-internet u l-kunsinna ta' din tal-aħħar id-dar tal-konsumatur għandha tkun eżaminata biss fid-dawl tar-regoli fil-qasam tal-moviment liberu tal-merkanzija, u għalhekk, fid-dawl tal-Artikoli 34 u 36 TFUE.

78. Fil-fehma tiegħi, l-istess japplika għal-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali. Anki jekk din tirrigwarda espliċitament il-prezz imħallas mix-xerrej għas-servizz ta' kunsinna ta' kotba, hija fl-ebda każ ma tirregola l-kundizzjonijiet tal-kuntratti konklużi mal-fornituri ta' dan is-servizz, u lanqas il-prezz li dawn għandhom jiffatturaw għall-imsemmi servizz. Għalhekk, il-leġiżlazzjoni inkwistjoni ma tirrigwardax lil dawn il-fornituri, iżda lill-bejjiegħa tal-kotba.

79. Għalhekk, din il-leġiżlazzjoni għandha tiġi analizzata fid-dawl tal-Artikoli 34 u 36 TFUE.

80. Għandu jiġi nnotat, sabiex jitneħħa kull dubju possibbli li l-qorti tar-rinviju jista' jkollha f'dan ir-rigward, li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni ma tikkostitwixxix "modalità ta' bejgħ", fis-sens tal-ġurisprudenza Keck[39].

81. Huwa magħruf li l-Qorti tal-Ġustizzja qatt ma tat definizzjoni pożittiva tal-kunċett ta' "modalitajiet ta' bejgħ"[40] u tinterpreta dan il-kunċett b'mod restrittiv.

35 C-360/15 u C-31/16, EU:C:2017:397, punt 92.

36 Ara s-sentenza tal-11 ta' Diċembru 2003, Deutscher Apothekerverband (C-322/01, EU:C:2003:664, punt 44). Ara wkoll, is-sentenzi tad-19 ta' Ottubru 2016, Deutsche Parkinson Vereinigung (C-148/15, EU:C:2016:776, punt 20), u tas-27 ta' Frar 2025, Apothekerkammer Nordrhein (C-517/23, EU:C:2025:122, punt 61), li fihom il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet direttament dwar il-moviment liberu tal-merkanzija mingħajr lanqas ma semmiet libertà fundamentali oħra li tirriżulta mit-Trattat.

37 Ara s-sentenza tat-2 ta' Diċembru 2010, Ker-Optika (C-108/09, EU:C:2010:725, punti 45 u 46).

38 Ara s-sentenza tal-14 ta' Frar 2008, Dynamic Medien (C-244/06, EU:C:2008:85). Hawnhekk ukoll, hija ddeċidiet direttament dwar il-moviment liberu tal-merkanzija mingħajr lanqas ma semmiet libertà fundamentali oħra li tirriżulta mit-Trattat.

39 Sentenza tal-24 ta' Novembru 1993 Keck u Mithouard (C-267/91 u C-268/91, EU:C:1993:905 punt 16).

40 Ara, b'mod partikolari, Haltern, U., Müller-Graff, P.-Chr., fi Pechstein, M., Nowak, C., u Häde, U. (edituri), *Frankfurter Kommentar zu EUV, GRC und AEUV*, vol. II, Mohr Siebeck, Tübingen, 2023 (it-tieni edizzjoni), Article 34 AEUV, punt 128, u Kellerhals, A., Uebe, W., "Das Binnenmarktrecht der Warenverkehrsfreiheit", fi Müller-Graff, P.-Chr. (editur), *Europäisches Wirtschaftsordnungsrecht (Enzyklopädie Europarecht, Band 4)*, it-tieni edizzjoni, Nomos, Baden-Baden, 2021, punt 40.

82. Billi segwiet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Wahl dwar dan il-punt[41], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "il-kunċett ta' "modalità ta' bejgħ" ikopri biss id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jirregolaw kif il-prodotti jistgħu jiġu kkummerċjalizzati, peress li r-regoli dwar kif tista' tiġi ttrasportata l-merkanzija ma jaqgħux taħt dan il-kunċett"[42].

83. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li restrizzjoni tal-bejgħ mill-bogħod hija, min-natura tagħha, żvantaġġ li jista' jaffettwa operaturi ekonomiċi fi Stati Membri oħra kif ukoll l-operaturi nazzjonali[43] u li l-aċċess għas-suq ta' dawn tal-ewwel huwa għalhekk ippreġudikat[44].

84. Għalhekk, għandu jiġi kkunsidrat, f'dan l-istadju, li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni ma tikkostitwixxix modalità ta' bejgħ li jkollha bħala effett l-esklużjoni tagħha mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 34 TFUE.

## V. Konklużjoni

85. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għad-domandi preliminari magħmula mill-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, Franza):

L-Artikolu 1(4) u l-Artikolu 16 tad-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern

għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

leġiżlazzjoni nazzjonali li tiffissa tariffa minima għall-kunsinna d-dar ta' ordni li tinkludi ktieb wieħed jew iktar taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva u tista' tiġi ġġustifikata jekk il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 16 tal-imsemmija direttiva jkunu sodisfatti.

41 Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Wahl fil-kawża L-Awstrija vs Il-Ġermanja (C-591/17, EU:C:2019:99, punt 118).

42 Ara s-sentenza tat-18 ta' Ġunju 2019, L-Awstrija vs Il-Ġermanja (C-591/17, EU:C:2019:504, punt 129).

43 Ara, f'dan is-sens, fir-rigward tal-bejgħ mill-bogħod ta' prodotti farmaċewtiċi, is-sentenza tad-19 ta' Ottubru 2016, Deutsche Parkinson Vereinigung (C-148/15, EU:C:2016:776, punt 23 u l-ġurisprudenza ċċitata).

44 Ara, f'dan is-sens, fir-rigward tal-bejgħ mill-bogħod ta' prodotti farmaċewtiċi, il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Deutsche Parkinson Vereinigung (C-148/15, EU:C:2016:394, punti 35 *et seq.*). Ċerti awturi tad-dottrina jaqblu ma' din il-pożizzjoni u ddikjaraw li l-iffissar ta' prezz ta' bejgħ bl-imnut jista' jkollu konsegwenzi negattivi fuq l-importazzjonijiet billi jirrestrinġi l-vantaġġ kompetittiv ta' importatur, ara Müller-Graff, P.-Chr., fi von der Groeben, H., Schwarze, J., u Hatje, A., (edituri), *Europäisches Unionsrecht (Kommentar)*, Artikel 34 AEUV, is-seba' edizzjoni, Nomos, Baden-Baden, punt 143.